# Kwadri mill-Imgħoddi

*Żidiet ma' dak li ktibt u xandart fil-ktieb tiegħi*
## "Hawn Twieldet *u tibqa' tħabbat* Qalbi"
*ippubblikat mill-Kunsill Lokali*

**minn Pawlu Aquilina**

## 1. Il-ħobż ta' San Nikola

Fi ċkuniti, u min jaf kemm snin qabel, kien isir, kif għadu jsir sal-lum, "il-ħobż ta' San Nikola". Dan kien isir minn għaġina maħduma sewwa bl-idejn u mqattgħa fi strixxi rqaq li minnhom isiru boċċi żgħar: sitt boċċi minnhom kienu jitqiegħdu mdawrin ma' boċċa fin-nofs.

Dan ix-xogħol kien isir fl-Oratorju tas-Sagra Familja iżda f'dawn l-aħħar snin x'aktarx li jsir f'Dar Ommna Marija. Dari kienu jagħmluh in-nisa, l-aktar ix-xebbiet tal-*Figlie di Maria* u dan l-aħħar mix-xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika u nisa oħra kif ukoll tfajliet li jmorru jgħinuhom.

Il-ħobż, imqiegħed f'turtieri tal-pjanċi, kien jittieħed il-forn biex jinħema bħall-ħobż, imma kien jieħu biss ftit minuti.

Lejlet il-festa ta' San Nikola, dan il-ħobż, miġbur f'investa kbira bajda jew tnejn, imma miftuħin bil-ħobż jidher mikxuf , kien wara l-għasar solenni jinħareġ fuq il-presbiterju qrib l-altar maġġur u jitbierek. Niftakar li fi żmieni kien, tista' tgħid, dejjem ibierku Dun Ġużepp Aquilina *Ta' Randa*, il-prokuratur ħabrieki tal-knisja.

Fil-jiem ta' wara l-festa, uħud minn dawk ix-xebbiet li jkunu ħadmuh, iqassmuh fid-djar billi jagħtu xi żewġ jew tliet ħobżiet minnu lil kull familja.

Kien hawn devozzjoni kbira lejn dan il-ħobż ta' San Nikola. Niftakar 'l ommi twaddab xi biċċa minnu fil-bitħa waqt xi tempesta ta' sajjetti u xita qalila, biex San Nikola jħarisna minn kull ħsara. U konna nemmnu, u t-twemmin kien jidher iseħħ. Naf li għad fadal familji jew nies li dan it-twemmin jew devozzjoni għadhom iżommuhom mhux biss fis-Siġġiewi imma wkoll barrra mir-Raħal.

Devozzjoni oħra milli niftakar kienet dik ta' borża ċkejkna, wiesgħa daqs żewġt iswaba', li kienu jħobbu jdendlu ma' għonq xi żiemel jew bhima oħra tal-ġarr, biex din titħares mill-għajn ħażina. F'din il-borża kienu jqiegħdu biċċa xama' ta' l-Ispirtu s-Santu jew tat-Tniebri, xi weraq taż-żebbuġ imbierek u biċċa ħobża ta' San Nikola.

## 2. Il-ħamiema jew it-tajra

F'Is-Siġġiewi konna ngħidulha 'il-ħamiema', fi rħula oħra u fil-bliet kienu jsibuha b' 'it-tajra' jew xi isem ieħor tal-post.

Hekk kif joqrob it-temp sajfi, għall-ħabta ta' Mejju u wisq aktar f'Ġunju, aħna t-tfal subien konna nibdew nagħmlu 'il-ħamiema' biex meta t-temp ikun qagħad u ż-żiffa tkun waħda ħafifa nibdew intellgħuha fl-ajru.

Dan konna nagħmluh minn fuq il-bejt jew minn xi triq jew pjazza, għax traffiku ta' karozzi ma kienx jeżisti, jew inkella minn xi għalqa jew beraħ fil-kampanja, l-aktar fis-sajf minn fuq il-

qiegħa. Il-bejt, imma, kien ta' periklu għax mhux l-ewwel darba li xi tifel intilef fil-ħamiema u nesa għal kollox iċ-ċint u waqa' għal isfel, ġieli b'konsegwenzi gravi jew fatali!

Il-ħamiema kienet issir minn karti strazzi jew, isbaħ, minn karti fini kkuluriti li kienu jinxtraw xi tliet ħabbiet (milleżmu) il-waħda, żewġ strixxi ta' qasba maqtugħin irqiq, daqs ċentimetru wiesgħa, u twal daqs sittin ċentimetru jew aktar, u ftit kolla li konna nagħmluha mill-istess dqiq li jsir il-ħobż.

It-tajra kienet x'aktarx tkun ta' għamla kwadra li mbagħad tinqaleb biex tiġi trijangulari, ponta waħda fuq nett u l-oħra isfel. Il-karti kienu jitħalltu fil-kulur, hekk min kien jagħmel nofsha safra u n-nofs l-ieħor aħmar (l-ilwien tar-Raħal tagħna) jew iżid iżjed taqsim ta' kuluri; iżda aktar ma ddaħħal taqsim u kolla aktar il-ħamiema kienet titqal biex ittir u żżomm fl-arja.

Wara li l-karti jkunu nqatgħu u twaħħlu kemmkemm flimkien bil-kolla, jitħalla ftit tal-ħin jgħaddi biex ix-xogħol jinxef. Imbagħad, il-karta hekk magħquda tinqaleb biex tiġi qisha djamant, bil-ponta 'l fuq, u mill-ponta ta' fuq għall-ponta t'isfel titwaħħal il-qasba permezz ta' erba' jew ħames strixxi karti ta' daqs sitt jew tmien ċentimetri mċappsin bill-kolla tat-tqiq. Din il-qasba konna ngħidulha 'ix-xemx'. It-tieni qasba, li tkun xi ftit itwal mix-'xemx', tiltewa bil-mod sakemm tingħata għamla ta' nofs qamar u tintrabat b'ħajta ferma biex tibqa' din il-għamla, b'tali mod li truf il-'qamar jidħlu daqs pulzier 'il ġewwa mill-ponot tal-karta. Dan in-nofs qamar jitqiegħed 'l isfel mill-ponta ta' fuq, hekk li t-truf tiegħu jkunu ftit 'il ġewwa mill-ponot taż-żewġt iġnub tal-karta, u jitwaħħal ukoll bi strixxi żgħar ta' karti bl-istess kolla; jitħalla kollox jinxef sew, aktarx sa l-għada.

Sadattant isir id-denb tal-ħamiema billi jitqattgħu u jitwaħħlu fl-imkien strixxi twal tal-karti kkuluriti, li jistgħu wkoll jintisġu forma ta' ħoloq kbar ta' katina. Id-denb kien jintrabat bil-ħajt ma' tarf 'ix-xemx' tal-ħamiema. Kien hemm min jagħmel ukoll l-imsielet, speċi ta' ħoloq fuq kull naħa taż-żewġt itruf tal-qamar tal-ħamiema. Dawn kienu ta' għajnuna biex jekk il-ħamiema tkun 'tagħti bir-ras', tiġi bbilanċjata bihom u bid-denb!

Issa jkun baqa' ngħaddu żewġt iħjut mill-post ta' fuq minfejn 'il-qamar' u 'x-xemx' jgħaddu minn fuq xulxin, noħorġu l-ħjut taħt żaqq il-ħamiema u ninżlu bihom għall-ponta t'isfel, daqs ħames jew sitt ċentimetri bogħod mill-istess ponta ta' tarf 'ix-xemx', fejn intaqqbu żewġ toqob biex iż-żewġt iħjut jgħaddu u jintrabtu fuq dahar il-ħamiema. It-toqob tal-ħjut isiru dejjem minn ġol-karti nkollati, biex ma jkunx hemm tiċrit. Minn taħt, dawn iż-żewġt iħjut iridu jiddendlu, hekk li jagħmlu żaqq ta' daqs 12 jew 15-il ċentimetru.

Ma' dawn il-ħjut imżaqqa jintrabat il-ħajt li bih se tittella' l-ħamiema. Il-ħajt kien ikun xi rukkell jew tnejn ta' ħajt b'saħħtu jew tal-għażel biex il-ħamiema titla' u jekk iż-żiffa tkun tajba tmur 'il bogħod u ma tinqatax, għax mhux l-ewwel darba li kienet tinqata' u tmur fuq xi bejt jew ġnien ta' ħaddieħor u għalxejn tipprova tiġbidha għax kienet titqatta'! Kien meta tittella' minn xi għalqa li jekk tinqata' tkun taf fejn waqgħet u tmur iġġibha. L-agħar jekk tkun ġiet ġo xi bajtar tax-xewk għax ma ssalvahiex!

Jekk ix-xogħol ikunx sar tajjeb jew le turik il-ħamiema nfisha meta ttellagħha l-ewwel darba. Jekk iżżomm dritta fiż-żiffa, tkun saret sewwa; jekk tibda 'tagħti bir-ras' min-naħa għall-oħra u 'tħawwel' xi waħda dritt ġo l-art, ma tkunx tajba biex ittir u jkollok jew issibilha bilanċ permezz tat-tul ta' l-imsielet u t-tul ta' denb kif għedna qabel, jew tqattagħha, jew tħalliha biex meta tipprova ttellagħha jidħku bik u ddaħħak lil ħaddieħor.

Kienu ħafna t-tfal li, wara nofs in-nhar sajfi meta tbatti l-qilla tax-xemx, itellgħu l-ħamiema, tant li ma kontx issib tarf tgħoddhom kollha, l-aktar dawk li kienu jitilgħu fil-għoli ħafna u bilkemm kienu jkunu jidhru jekk ma jkollhomx kuluri jgħajtu. Xi tfal kienu jorbtu l-ħajt ma' xi musmar jew granpun fuq il-bejt jew xi fergħa jew zokk ta' siġra fil-għalqa u jħalluhom tul il-

lejl imma ħafna drabi dawn kienu jaqgħu jew għax ir-riħ kien jorqod u ż-żiffa tnaqqas ħafna u tmut għal kollox jew inkella għax taqa' n-nida u f'dik l-irtuba l-ħamiema titqal u tinżel ħelu ħelu.

Kienet ukoll sengħa jew kapaċità li żżomm il-ħamiema tittajjar, billi kull meta taraha qed titbaxxa, 'tlaqqmilha' billi, b'idek il-waħda, tiġbdilha bi skossi ħelwin il-ħajta ħalli l-ħamiema terfa' u tgħolli rasha 'l fuq biex iżżid togħla u terġa' tasal fil-għoli fejn tilħaqha aħjar iż-żiffa.

Fir-raħal kien hawn min jagħmel u jbigħ il-ħamiema għal dawk li jew ma jafux jagħmluha jew ma jafux jagħmluha sewwa hekk li ma tagħtix bir-ras! Niftakar lil *Kokkolinu ta-Tè,* kif konna nsibuh, li kien jagħmel il-ħamimiet u jbigħhom bi ftit soldi, ma niftakarx kemm. *Kokkolinu* kien joqgħod fid-dar illum iġġib in-numru 26, Triq San Nikola u kien ikollu l-intrata mimlija kollha 'ħamiem' għall-bejgħ.

Xi tfal bravi (jew kbar) kienu waslu wkoll biex flok il-ħamiema kif nafuha aħna jagħmlu xi raġel forma ta' tork iswed jew xi farfett kbir, jew xi figura oħra li kienet tiġbed l-għajnejn mistagħġba ta' kulħadd.

L-akbar ħamiema li qatt rajt fi tfuliti kienet saret fiċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika, bl-inizjattiva ta' Dun Anton Vella u ż-żgħażagħ. Jiena kont għadni aspirant. Il-ħamiema kien fiha xi sitt jew tmien piedi kwadri u jidhirli li saret fis-sala jew isfel fil-bitħa taċ-Ċirkolu. Kienet nofsha bajda u nofsha safra, l-ilwien tal-Papa.

Morna ntellgħuha f'waħda mill-passiġġati ta' nhar ta' Ħadd fil-għalqa kbira li Nikola *Tal-Parent*, membru taċ-Ċirkolu kellu fl-inħawi magħrufa bħala *Ta' Bellu* jew *il-Fond*, u li tidħol għaliha minn tarf il-*Wied tal-lewża* fit-triq li tieħu lejn tal-Providenza. Tgħidx x'korsa jew ġirja ħadu biha biex fl-aħħar telgħet fl-ajru! Kemm damet u x'sar minnha wara ma niftakarx.

Min kellu jgħidlu lil Kola *l-Parent*, li kellu jkun hu, f'dik l-għalqa stess, l-ewwel vittma tal-gwerra fl-għelieqi tas-Siġġiewi, meta ntalqat f'sidru minn biċċa xrapnel jew ħadida ta' bomba li waqgħet u splodiet fil-għalqa quddiemu, waqt li kien qiegħed fil-bieb tal-għorfa, nhar id-29 ta' Diċembru 1941. Kellu 50 sena.

Bħall-ħamiema tagħna, Kola, li kien għażeb u membru attiv taċ-Ċirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika, ittajjar lejn is-Sema.

## 3. Il-fenek ta' l-Indja

Il-fenek ta' l-Indja jixbah ħafna lill-fenek li nafu aħna, iżda huwa iżgħar fid-daqs u wkoll mans ħafna. Hija ħasra li ħafna drabi, fil-laboratorji tal-mediċina, jisfa' vittma ta' esperimenti bil-għan li jservu ta' ġid għas-saħħa tal-bniedem!

Fi tfuliti wkoll kienu jinqdew bih f'logħba, xi ftit jew wisq krudila, waqt il-Fiera tal-festa u fieri oħra li kienu jsiru fil-pjazza.

Fuq iz-zuntier tal-knisja kienet tintrama dawra tonda ta' daqs tmien piedi jew żewġ metri u nofs dijametru, maħduma mill-injam, qisha rota ħoxna, fil-wiċċ wiesgħa xi pied u għolja xi pied ukoll mill-art, miksija bit-triplaj. Mad-dawra tagħha kollha minn ġewwa din ir-rota kellha ħafna toqob ħdejn xulxin, qishom bibien żgħar u bin-numru fuq kull bieb, li fihom jista' jidħol il-fenek ta' l-Indja. Il-fenek sadattant kien jinżamm fin-nofs tad-dawra mgħotti taħt landa apposta, li tkun imdendla b'daqsxejn ta' ħabel irqiq marbut ma' njama miżmuma minn tifel jew ġuvnott barra mir-rota.

Il-logħba kienet issir hekk: Fuq kull bieb ta' din ir-rota kien jitqiegħed xi oġġett milli jkun inġabar għall-fiera, ngħidu aħna flixkun inbid, landa *corned beef,* bettiegħa jew dulliegħa u affarijet oħra bħal dawn. In-nies li kienet tinġabar u tross bi ħġarha kienet tixtri xi biljett jew aktar, sold il-wieħed, u x'ħin jinbiegħu kollha tibda l-logħba. Ir-raġel inkarigat kien jgħid lit-

tifel biex jgħolli l-landa. Hemm trid tisma' l-għajat, it-tisfir u kull ħoss ieħor min-nies ta' madwar ir-rota! Dan jagħmluh biex igerrxu l-fenek, issa mikxuf u mbikkem, biex jiċċaqlaq u jidħol f'xi toqba, l-aktar dik li tkun iġġib in-numru tal-biljett tagħhom. Ġieli malajr, imma aktarx li le, il-fenek fl-aħħar jitlaq b'ġirja lejn xi toqba jew joqgħod idur 'l hawn u 'l hemm bla ma jidħol malajr f'xi toqba. Min ikollu n-numru ta' dak il-bieb jew toqba fejn ikun daħal il-fenek, jieħu l-oġġett jew oġġetti li jkun hemm fuq il-bieb.

Xi briju kien isir! Imma għall-fenek żgur li ma kienx briju ta' ferħ imma ta' twerwir. Tant kien jegħja jew jistordi l-fenek li kien ikollhom aktar minn wieħed biex kultant jibdluh u jserrħuh għal ftit.

Kienet tortura kbira għal dil-ħlejqa fidila u ċkejkna - il-fenek ta'l-Indja.

## 4. Tiġieġ, fniek u annimali oħra għall-fiera tal-festa

Billi fi tfuliti l-festa ta' San Nikola kienet issir fil-ġurnata propja tagħha fis-6 ta' Diċembru, il-fiera l-kbira biex tiġbor fondi għall-festa kienet issir f'Ottubru.

Kien għalhekk li, b'avviż mill-Kappillan waqt il-quddies, issir ġabra kbira mar-raħal kollu ta' oġġetti, annimali jew flus għall-festa. L-oġġetti kienu jkunu ta' kull xorta, minn biċċa jew biċċtejn sapun tal-ħasil tal-ħwejjeġ, oġġetti ta' l-ikel fil-laned, kif ukoll annimali u tjur bħal tiġieġ, fniek, xi par ħamiem u wkoll xi ħaruf ta' ftit ġimgħat!

Dawn kienu jinġabru minn irġiel u żgħażagħ imqabbdin għalhekk u li megħjunin minn xi tfal kienu jduru mat-toroq u fis-sqaqien tar-raħal kollu, iħabbtu bieb bieb u jgħajtu "xi ħaġa għall-festa!"

Kienu jinġabru ħafna oġġetti u annimali. L-annimali kienu jitqiegħdu fi xkejjer, gaġeġ jew gallinari fuq ir-roti u wara jittieħdu biex jinżammu għand xi familji qrib il-pjazza u li jkollhom xi maqjel jew tnejn kif ukoll xi gallinari kbar fejn iżommuhom, biex imbagħad, minn hemm, jittieħdu ftit ftit biex jittellgħu waqt il-fiera. Dawn kienu jittellgħu permezz tar-rotella, ir-rota bin-numri minn 1 sa 90 u ġieli aktar ukoll biex mill-biljetti li jinbiegħu bis-sold jew aktar il-wieħed jintrebaħ l-oġġett jew l-annimal bin-numru li jitla' u li jkun jidher fuq il-biljett rebbieħ.

Niftakar kien nhar ta' Ħadd f'Ottubru ta' l-1937 meta fil-pjazza kienet qiegħda ssir il-fiera - jien kien għad kelli tmien snin - tlabt lil Dun Anton Vella li kont ili niġri warajh biex idaħħalni aspirant fl-Azzjoni Kattolika u li kien qed jieħu ħsieb il-fiera, biex ngħinhom ukoll. Kien qalli mmur ma' xi tfal oħra nġibu t-tjur jew fniek, mill-bitħa ta' Kola *l-Parent*, li kien joqgħod fis-sqaq tal-Mużew fi Triq il-Knisja l-Qadima biex inġibu xi tjur minn hemm. Kellu bitħa kbira u l-imqawel jew gallinari li kellu fiha kienu mimlijin annimali jew tjur milli nġabru għall-fiera. Kien bis-saħħa ta' dan ix-xogħol li offrejt li nagħmel li bdejt immur l-Azzjoni Kattolika u dħalt aspirant!

Fil-lejla tal-fiera l-pjazza kienet tkun mimlija bin-nies. Żgur li ħlief il-morda ħadd ma kien jibqa' ġewwa u ma jiġix għall-fiera l-kbira. Rutelli għal-logħob kien ikun hemm daqs ħamsa jew iżjed u fuq iz-zuntier tal-knisja kien ikun hemm il-logħba tal-fenek ta' l-Indja li semmejt qabel. L-annimali jew tjur li kien jibqa' kienu jinbiegħu f'daqqa lil xi xerrej tat-tjur, li kien hawn minnhom fir-raħal tagħna.

Il-fiera l-kbira kienet għar-raħal dak iż-mien okkażjoni kbira ta' ferħ u ta' stennija għall-festa qrib ta' San Nikola, il-qaddis protettur tagħna.

## 5. Il-bejgħ ta' ħwejjeġ u drappijiet fid-djar

Dejjem fis-snin ta' qabel il-gwerra, u għal xi snin wara wkoll, kont tara bejjiegħa tal-ħwejjeġ u drappijiet, bi xkora daqsiex fuq daharhom jew xi karettun ta' l-idejn iħabbtu xi bieb tad-dar biex ibigħu xi ħwejjeġ.

Dan kien isir l-aktar għax għan-nisa tar-raħal kienet fula f'qargħa li jinżlu l-belt biex jixtru xi ħwejjeġ jew drappijiet, waqt li ħwienet ta' din ix-xorta f'Is-Siġġiewi kienu ftit ħafna: kien hawn xi tlieta jew erbgħa fil-Pjazza - Karmni *Ta' Sikkina,* Ġużeppa *Ta' Konda u* Benna *Taċ-Ċantar* u warajhom Ċetta *Tal-Bilblija* u Mari *Ta' Lorbu.* Barra minn hekk dawn il-bejjiegħa bieb bieb kien ikollhom għall-bejgħ biċċiet jew fdalijiet ta' pezez ġodda, għalhekk kienu jkunu irħas milli kieku l-bejjiegħa taqtagħlek mill-pezza.

Minn dawn niftakar l-aktar tnejn minnhom: lil Duminka tal-Qrendi, mara twajba għall-aħħar u mill-aktar moderata fil-ħlas li titlob u lil Kola *n-Nikajli,* bin Anġlu *l-Ħaħaj.*

Kemm lil Duminka kif ukoll lin-*Nikaljli* ommi kienet iddaħħalhom fl-intrata tad-dar u hemm kienu juruha x'kellhom għall-bejgħ, billi joħorġu mix-xokra kbira jew sarar kbar li kienu jġorru magħhom dawk l-affarijiet li kellhom. Iżda waqt li Duminka kien ikollha biċċiet ta' drappijiet ġodda mill-fdal tal-pezez, in-*Nikajli* kien ikollu ħwejjeġ tas-Servizzi imma ġodda billi dawn kienu jkunu skadew u tneħħew b'irkant, bħal kalzetti tas-suf, flokkijiet, ġerżijiet, qomos, qliezet, inċirati tax-xita *(raincoats)* u oġġetti oħra tal-lbies, jew ta' lewn kannella fl-aħdar, il-lewn ta' l-uniformi tas-suldati jew inkella blu skur, *navy blue,* il-lewn ta' l-uniformi tal-baħrin jew nies tal-baħar. In-Nikajli wkoll kien 'minn tagħna ħafna' imma kont trid tiġġebbidlu xi ftit fil-prezz u malajr kien iċedilek.

Aktar żmien wara, niftakar jiġi Ġużepp ta' Birkirkara, għall-ewwel biż-żiemel u l-karettun bil-kaxxa tal-ħwejjeġ fuqu, u wara b'daqsxejn ta' vann mimlija pezez ta' kull lewn u disinji u ħwejjeġ ġodda. Ġużepp kien ukoll wieħed minn dawk li tista' ssejjaħlu 'galantom'.

U n-negozju kien isir fl-intrata tad-dar. Kienu bejjiegħa onesti, in-nies saret tafhom sewwa u għalhekk kienu jafdawhom ħafna. Żgur li qatt ma smajt b'xi każ ta' qerq, bħalma diżgrazzjatament nisimgħu xi drabi llum mill-bejjiegħa bieb bieb!

## 6. L-obbligu tat-tjur mal-ħlas tal-qbiela

Il-biċċa l-kbira tar-raba' li kien jinħadem mill-bdiewa tagħna ma kienx propjetà tagħhom imma biss imqabbel (mikri) għandhom. Il-propjetarji kienu prinċipalment il-Knisja bil-ħafna legati li kienu jitħallewlha fit-testmenti u familji ta' nisel x'aktarx b'titoli ta' nobbiltà ġejjin minn żminijiet fewdali.

Il-qbiela jew kera tar-raba' kien obbligat jitħallas kull tant żmien, l-aktar kull sitt xhur. Nhar Santa Marija u l-Milied kienu komuni ħafna bħala dati li fihom il-bidwi għandu jiftakar iħallas il-qbiela. Il-bidwi kien jew jinqeda bil-bhima u l-karettun tiegħu jew inkella jirkeb il-karozza tal-linja biex imur iħallas il-qbiela fil-belt fejn kien joqgħod il-propjetarju tal-għalqa. Xi waħdiet, biex jiffrankaw u għax jafu kemm ibatu biex jaqilgħu sold, kienu saħansitra jitilqulha bil-mixi!

Iżda ħafna mill-qbiela ma kinitx tfisser somma ta' flus biss imma magħha kien hemm marbut obbligu ieħor: dak li li tingħata xi tajra, bħal serduk jew tiġieġa jew xi annimal kif imniżżel fil-'kuntier' (pitazz ċkejken li fih titniżżel l-irċevuta) tal-qbiela, lis-sinjur jew propjetarju ta' l-għalqa; fil-każ tal-Knisja dan ħafna drabi kien ikun jew il-kapplillan meta r-raba' jkun tħalla lill-knisja jew xi prokuratur ta' dik il-Fratellanza li lilha tkun tħalliet b'legat dik l-għalqa, ngħidu aħna Tar-Ružarju.

Dan l-għoti ta' tjur jew annimali kien ikun mistenni ħafna minn sid il-qbiela. Kienu jisħqu li t-tajra jew annimal ikunu ta' l-aqwa kwalità u mill-iprem. Jekk jaraw li hu xi ftit immantar jew mgħaxxex ma kinux jaċċettawh! Mhux l-ewwel darba ġara li bil-vjaġġ twil li jkun għamel il-bidwi, it-tiġieġa jew serduk fix-xkora kien jintelaq u jidher tassew mgħaxxex u ma kinux jaċċettawh, jew kienu jkunu jridu tiġieġa li tbid u mhux xi qroqqa, jew inkella xi serduk jew ħasi!

Kienu żminijiet oħra fejn il-ħakma tas-sinjur fuq il-bidwi fqir kienet tinħass tqila żżejjed. Barra minn dawn l-obbligi kienu jippretendu wkoll xi frott tar-raba' minn ta' żmienu, li jkompli jżid inaqqas mill-qligħ żgħir li jibqagħlu l-bidwi, l-aktar dak b'xi familja kbira kif kienet id-drawwa.

Illum ħafna bdiewa xtraw ir-raba' tagħhom li qabel kien propjetà tal-Knisja u li din, bi ftehim approvat mill-Vatikan, għaddietu lill-Gvern bi ħlas; il-Gvern imbagħad offrieh għall-bejgħ lill-bdiewa li riedu jixtruh. B'hekk saru fl-aħħar propjetarji assoluti tar-raba' tagħhom, raba' li kien ilu jinħadem b'għaraq u tbatija kbira minn missirijiethom u nanniethom għal bosta snin.

## 7. Il-biskuttini 'tar-raħal'

Illum jgħidulhom hekk imma dari konna nsibuhom 'biskuttini mit-twal'.

Konna narawhom jew induquhom biss meta fil-familja kienet titwieled xi tarbija. L-għada, jekk mhux dak in-nhar stess, kienu jeħduha għall-magħmudija u wara, fid-dar, isir daqsxejn ta' festin għal tal-familja u għall-parrinjiet tat-tarbija. Ma' dawn il-biskuttini konna nduqu wkoll il-biskuttini tal-lewż u xi drabi l-pasta rjali.

Fir-raħal kont naf bi tlieta minn nies jew familji li kienu jaħdmu dawn il-biskuttini għal dawk li jordnawhomlhom. Dawn kienu Ġużeppa Psaila *Ta' Xifa;* Katerin Farrugia *Ta' Xengel* u l-Familja Zammit, *Tas-Sinjur.*

L-Omm li tkun waslet biex 'tixtri' tieħu ħsieb tordna minn xi ġimgħat qabel il-ħelu li tkun tixtieq. Mal-ħelu taħseb għax-xorb li kien ikun jikkonsisti l-aktar minn Rożolin[1] u maskta. Wiski u brandi kienu biss għall-irġiel u ma tantx kienu jidhru fil-festin billi fejn ix-xorb li semmejt kienu xi ftit għolja għal dak iż-żmien. Kienet tinxtara wkoll xi luminata li wkoll kienet tkun bajda, roża jew ħadra.

Barra mill-membri tal-familja u dawk qrib ħafna min-naħa tal-mara u tar-raġel, fil-jiem ta' wara tal-magħmudija kienu jmorru jifirħu 'l omm xi familji ħbieb ta' l-omm jew tal-missier, kif mistiedna. Dan ma kienx isir b'xi inviti miktuba, imma bil-kelma. L-omm kienet tibgħat tgħidilhom ma' xi ħadd tal-familja tagħha, x'aktarx ma' xi wieħed jew waħda minn uliedha l-kbar, jew ma' xi ħadd minn ħutha: *"Qaltlek ommi/oħti 'ejja oqgħod'.* Dan il-messaġġ qasir kien bizzejjed biex jifhmu li għandha tarbija u qed tistedinhom imorru jifirħulha. Naturalment kienu jistaqsu: *'Xgħandha, tifel jew tifla?'* u jibagħtu jsellu għaliha. Jekk min iwassal l-istedina kien ikun persuna kbira, bħal oħt l-omm, kien isir ħafna aktar diskors minn hekk. Dawk li jmorru jifirħulha kienu jagħtuha xi rigal ċkejken għat-tarbija li ħafna drabi kien ikun xi lbies meħjut jew maħdum bl-idejn forsi minnhom stess, bħal xogħol bil-ganċ jew bil-labar meta jkun tas-suf.

Il-magħmudija kienet tkun okkażjoni ta' ferħ kbir fil-familja, anki jekk ma tkunx l-ewwel tarbija. Għalhekk id-dar kienet tintrama mill-aħjar li wieħed kien jista' u l-omm toqgħod fil-kamra speċjali tal-magħmudija, l-aħjar kamra li kien hemm fid-dar; u hekk kien jixraq! L-atmosfera kienet tkun isbaħ meta l-magħmudija taħbat qrib il-festa Ta' San Nikola jew tal-Milied, it-tnejn li huma f'Diċembru, jew ukoll tal-Għid, għax dak in-nhar it-tarbija titgħammed 'bl-ilma ġdid', kif kienu jħobbu jgħidu.

Kienu żminijiet sempliċi ta' ferħ u ta' hena, għanja bl-isbaħ valuri ta' l-imħabba.

## 8. Il-fanali tal-qara' bagħli

Dari l-qara' bagħli, bħal kull ħaxix ieħor: tadam, ħass, ħjar, eċċ., kien jitkabbar biss għall-beraħ tar-raba' u mhux fis-serer bħal-lum; anqas biss konna rajna jew nafu x'inhi serra! Għalhekk

kien jitkabbar wara li tgħaddi x-xitwa u tidħol ir-rebbiegħa sewwa, għax fil-kesħa ma jikbirx, meta t-temp ikun beda joqgħod u jisħon u t-temperatura tibda tielgħa. Ukoll, il-forma jew għamla tiegħu kienet tkun imbaċċa u wiesgħa, bħal bettija ċkejkna, u mhux twila bħal ta' dak il-qara' li jikber fis-serer illum.

Biex jaħseb għas-sena d-dieħla il-bidwi kien jagħżel xi ftit mill-qargħat biex iħallihom għaż-żerriegħa; waħda biss titħalla tikber minn xi pjanti magħżula u b'saħħithom, u kien iħallihom jikbru u jsiru kważi daqs bettieħa jew futbol; jisfaru u jitħallew mal-pjanta sakemm din tinxef biex iż-żerriegħa ta' ġo fihom timla u ssir sewwa.

Meta jkunu nixfu għal kollox, ngħidu aħna f' Lulju, il-bidwi kien jiftaħhom biex jieħu minnhom iż-żerriegħa. Biex jikkuntenta jew iferraħ lit-tfal, il-bidwi kien jaqsamhom minn fuq biex il-qargħa tibqa' sħiħa kemm jista jkun u jkollha biss il-qorriegħa maqtugħa forma ta' għatu. Ineħħi ż-żerriegħa kollha u l-qargħa safranija tisfa' vojta għal kollox. Imbagħad b'musmar oħxon itaqqab żaqq il-qargħa b'ħafna toqob, ġieli forma ta' salib jew xi disinn ieħor, iqiegħed fil-qiegħ tagħha biċċa xemgħa u qrib ix-xifer ta' fuq jagħmel żewġ toqbiet waħda f'kull ġenb u faċċata ta' xulxin biex minnhom idaħħal biċċtejn spaga ħoxna li sservi ta' għalaq (*handle*). Il-qorriegħa jew it-tapp ta' fuq kien jagħlaq il-fetħa tal-qargħa mibdula fanal!

Barra mill-qara' bagħli, ġieli wkoll kien isir hekk mill-qara' aħmar żgħir, magħruf bħala "tal-familja" u li kien ikun ta' xi daqs fotbol, billi kien hemm bdiewa, li jkollhom l-ilma biżżejjed u jkabbruh fis-sajf.

Meta x-xemx tkun niżlet sewwa u jibda jroxx id-dlam, dawk it-tfal li kien ikollhom fanal tal-qargħa, kienu jixegħlu x-xemgħa ta' ġo fih u joħorġu bih fit-triq tagħhom jew f'toroq oħra qrib iduru bil-fanali jixegħlu. Billi t-toroq dak iż-żmien ta' qabel il-gwerra, jiġifieri fis-snin tletinjiet, kienu jkunu mixgħula biss b'xi fanal tal-pitrolju mwaħħal fil-għoli ma' xi kantuniera, il-lampa tnemnem ta' ġo fih kienet ftit li xejn tagħti dawl biex iddawwal it-triq, għalhekk dawn il-fanali fid-dalma tat-triq kienu jjoħolqu tassew dehra mill-isbaħ għal dak iż-żmien!

U ta' tfal foqra u innoċenti, konna nifirħu qisu għandna f'idejna l-isbaħ ġugarell li qatt ħlomna bih: ġugarell li ħloqnieh aħna stess mill-frott li tatna n-natura, li ma swielna ebda flus imma li kien jimlielna qalbna u qalb il-ġenituri tagħna u dawk li jarawna b'ferħ kbir u safi li ma jitfissirx.

Kienet esperjenza u xena sabiħa li għextha u ma ninsieha qatt!

## 9. "Kaa...rawett !"

Hekk kien jgħajjat it-tifel "tal-karawett", it-tifel li kien ibigħ il-karawett .

Ta' kull filgħaxija, fis-sajf aktar milli fix-xitwa, kont tisma' mat-toroq tar-raħal, imma l-aktar fil-pjazza, din l-għajta mkarkra fuq l-ewwel sillaba, tat-tifel jew tfal li kienu joħorġu jbigħu l-karawett, f'daqsxejn ta' ċurniena bajda, qisha investa.

Il-karawett bil-qoxra, inkaljat kif imiss f'xi forn tar-raħal, kien jinbiegħ ħafna filgħaxijiet minn dawn it-tfal, mibgħutin minn missierhom jew ommhom , biex jaqalgħu xi sold għall-familja. Erħilhom iduru t-toroq, jidħlu fil-ħwienet tax-xorb ta' l-inbid, iduru mal-pjazza kull fejn jaraw xi tnejn minn nies jew aktar, speċjalment fuq iz-zuntier wara l-barka jew benedizzjoni u jħajruhom bil-għajta tagħhom biex jixtru b'xi sittt ħabbiet (2 milleżmi)jew sold(4 milleżmi) karawett. Kienu jagħtu għadd ta' karawett, ngħidu aħna xi għaxra jew tnax għal sitt ħabbiet u d-doppju għal sold; imma dan mhux dejjem kien ikun il-qjies jew il-kejl tagħhom; kien hemm min minnhom jagħti xi karawettu aktar biex iħajjar in-nies jixtru minn għandu.

Minbarra l-karawett kien, fi żmienu, jinbiegħ ukoll il-qastan infornat: qastan bil-ġewża b'kollox inkaljat il-forn u li daqs il-karawett jew aktar kien iħajjar ħafna jixtruh. Għalhekk

kont timsa' l-għajta twila *"Qastan..."* jew *"infurnat il-qastan!"* Imma dan kien jiswa aktar u ta' sitt ħabbiet kienu forsi jagħtu tlieta jew erba' qastniet. Kien jinbiegħ biss fix-xhur tal-ħarifa u l-bidu tax-xitwa. Ġieli wkoll inbiegħ, għalkemm rari, il-ful inkaljat, prodott lokali, l-aktar meta xi darba kien jiskarsa l-karawett.

L-aktar żmien li fih kien jinbiegħ il-karawett, u miegħu il-qastan, kien fix-xahar ta' Ottubru, wara r-Rużarju fil-knisja, li kienet tkun mimlija daqs bajda bil-poplu tar-raħal. Kif joħorġu mill-knisja, ħafna rġiel u żgħażagħ kienu flok imorru dritt id-dar jinxteħtu bilqiegħda fuq it-taraġ taz-zuntier, l-aktar meta t-temp kien ikun għadu sħun u ma qalebx għal xitwi.

Hemm kont tara t-tfal *tal-karawett* iduru man-nies biex ibigħulhom il-karawett, xogħol li ma kien xejn ħafif għalihom għax riedu joqogħdu b'seba' għajnejn biex idaħħlu flusu, billi xi wħud ma kinux jimxu sewwa magħhom. Kont nitħassarhom meta ġieli rajt xi żagħżugħ imqareb jew raġel inkejjuż jaqbdilhom iċ-ċurniena bil-karawett u jeħodhielhom u joqgħod jinkihom biex iħallas, jew forsi jeħdilhom mill-karawett bla ma jħallas, għax jgħid li l-karawett kien maħruq. It-tfal kienu jew jinfaqgħu jibku jew jgħidu li se jmorru jġibu lil missierhom ... u hawn kienu jerġgħu jagħtuhom jew aħjar jitfgħulhom iċ-ċurniena lura, aktar u aktar meta jkunu jafu li missier it-tifel mhux ta' min idendel kusu miegħu.

Din hi xena ta' qabel is-snin erbgħinijiet li baqgħet f'moħħi imma li ma tferraħnix bħal xeni oħra, għax kien fiha wisq mill-faqar, l-għaks u t-tbatija tal-ħajja li għexna.

## 10. Vapuri tal-pal tal-bajtar

Fix-xitwa, meta ħalbiet kbar ta' xita qawwija jew il-ħalib ta' l-għelieqi mifqugħa kienu jimlew il-widien ta' madwar ir-Raħal, l-ħena tagħna t-tfal kienet xi mawra sal-wied taż-Żebbuġi għal dawk li joqogħdu qribu jew sa wied il-Ħesri - l-akbar wied li għandu r-Raħal fuq ir-riħ tiegħu - għal dawk li joqogħdu n-naħa ta' fuq tar-Raħal. Hemm konna nitgħaxxqu bix-"xmajjar" ta' ilma għaddej jiġri u jobrom kull ma jsib quddiemu: zkuk u sigar li jkun qala' l-maltemp, imma xejn ħmieġ mormi mill-bniedem kif b'ħasra kbira nsibu llum!

Kif għallmuna dawk akbar minna, sirna nafu nagħmlu l-vapuri bil-pal tal-bajtar tax-xewk. Konna naqtgħu pala kbira u mlaħħma, naqsmuha min-nofs għal tulha, inħaffru u nneħħu barra l-laħam taż-żewġ nofsijiet, hekk li nħallu biss qoxra ta' xi żewġ ċentimetri u noqogħdu attenti li la naslu sal-qiegħ u lanqas intaqqbu l-ġnub tagħhom. B'hekk inkunu ħloqna bħal żewġ boroż tawwalin. Insibu biċċtejn zkuk ta' ħxuna daqs lapes u naqtgħuhom daqs għaxar ċentimetri twal; indaħħlu z-zkuk bħal traversi biex bihom infetthu l-boroż tal-paliet, hekk li nagħtuhom forma ta' dgħajsa u nitilquhom fl-ilma. Ġieli l-pala konna nħalluha sħiħa u naqtgħu biss ftit 'il fuq minn nofsha biex nagħmlu vapur wieħed aktar kbir u fond.

Kemm konna ngħajtu bil-ferħ meta naraw dawk il-ħafna vapuri tal-bajtar għaddejjin fil-wied! Konna niġru warajhom biex nilħquhom u nerġgħu nerfgħuhom, meta kien jirnexxilna, għax ġieli jew il-wied kien fond għalina jew kien ikun għaddej jiġri b'ħeffa kbira. Ma kinux jonqsu t-tlielaq li nagħmlu b'dawn il-vapuri.

**Dak kien wieħed mill-ħafna ferħ ta' tfulitna: li noħolqu aħna stess biex nilagħbu - bħal ma jagħmlu xi tfal illum, li għalkemm jinsabu mdawrin b'elf oġġett tal-logħob fosthom dawk elettroniċi, tarahom iwarrbu kollox jekk isibu kaxxa tas-sulfarini vojta u jivvintaw huma stess biha l-oġġett tal-logħob li joħolmu jew jixtiequ huma!**

[1] Rożolin - xorb (likuri) ħelu, ta' diversi kuluri, fin ferm, mhux magħdud ma' l-ispirti; xorb tan-nisa. (Erin Serracino-Inglott: *Il-Miklem Malti, Vol.7.)*